Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,782, 22 ta' Lulju, 2011
Taqsima B

A.L. 294 ta' l-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Public Health Medicine taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Public Health Medicine u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Public Health Medicine - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 8 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery; jew
(b) il-grad ta' Bachelor of Dental Surgery; jew
(ċ) il-grad ta' Bachelor of Pharmacy (Honours) ikklassifikat tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(d) grad ikklassifikat tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'dixxiplina relatata max-xjenza tas-saħħa; jew

(e) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala ekwivalenti għall-kwalifiki msemmija fis-sottoparagrafi (a) sa (d).

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibilità tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd tal-postijiet ikun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd tal-postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jintgħażlu permezz ta' intervista minn bord maħtur għal dan il-għan, li jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri. Il-bord għandu jagħżel lill-applikanti skont dawn il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom għandu jkun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassi tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista."